MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Numru 514/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN J. ABDILLA**
**VS**
**RICHARD MERCIECA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Richard Mercieca, ta’ 37 sena, iben Victor u Josephine nee’ Galea, imwieled Pieta’ fi-22 ta’ Lulju 1966, residenti f’ ‘Nodric’, Triq Patri Marjanu, Iklin u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 324466(M).

Illi huwa akkuzat:

1. Talli nhar il-Hadd 23 ta’ Novembru 2003, f’Ta’ Qali:
a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-

mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. Ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

u cioe 518 *Compact Disks,* konsistenti f'loghob tal-*Playstation*, C.D.'s tal-musika, D.V.D. *films*, flimkien ma' *Videos.*

(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a),(c) u (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. U aktar talli, fl-istess data u lok, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha.

(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (fol.21) u ta’ l-imputat (fol.16) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat, Richard Mercieca, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 298(1)(a)(c)(f), 298B, 49, 50 u 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin. In oltre’, il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ l-ogetti esebiti li huma *non-complaint* u tordna li l-imputat ihallas l-ispejjes inkorsi f’perizji ordnati f’dawn il-proceduri.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat u l-fatt illi l-imputat, illum il-gurnata, biddel il-generu tax-xoghol tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------